MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2004

Talba Numru. 1092/2004

**Simonds Farsons Cisk plc**

**vs**

**Victor Borg u Marie Victoria Borg**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-21 ta' Mejju 2004 fejn gie mitlub li l-konvenuti jigu kkundannati jhallasu lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, mija u tnejn u sebghin lira Maltin u wiehed u hamsin centezmu (Lm1172.51) rapprezentanti valur ta' prodotti ta' xorb mibjugha u kkonsenjati lill-konvenuti mis-socjeta attrici fuq inkarigu tal-istess konvenuti.

Bl-imghax u bl-ispejjes, kontra l-konvenuti li huma ngunti ghas-subizzjoni

Ra n-nota ta’ Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenuti jwiegebu ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenuti gew regolarment notifikati, naqsu milli jidhru meta gew prezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ra n-nota prezentata mis-socjeta’ attrici fejn hija rriduciet it-talba taghha ghas-somma ta’ tmien mija u tnejn u sebghin lira Maltin u wiehed u hamsin centezmu (Lm872.51).

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet attrici kif ridotti u jikkundanna lill-konvenuti ihallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tmien mija u tnejn u sebghin lira Maltin u wiehed u hamsin centezmu (Lm872.51), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta’ din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenuti skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------